# FIL-QORTI ĊIVILI
# SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF
## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, il-Ġimgħa, 24 ta' Mejju, 2024.

**Kawża Nru. 5**

**Rik. Nru. 23/2022 ISB**

**Busuttil Silvio ID 33754M**

**vs**

**Reġistratur tal-Kumpaniji u b'digriet tas-27 ta' April 2022 ġew kjamati fil-kawża Giovanni Briffa KI 12369M u Mary Tabone KI 240270M**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** ta' **Silvio Busuttil**, intavolat fil-21 ta' Frar 2022, li permezz tiegħu hu talab lill-Qorti sabiex:-

1. *Tordna lir-Registratur tal-Kumpaniji sabiex, ai termini tal-Artikolu 325 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta, jerga' jiddahhal l-isem tas-socjeta` MG Linea Moda Ltd, Numru tar-registrazzjoni C57258 fir-registru tal-kumpaniji, b'dana illi l-istess socjeta` titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqs li kieku isimha ma kienx thassar minn fuq ir-registru;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Kumpaniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-ligi relattivi ghal tali inserzjoni fir-registru tal-kumpaniji;*

3. *Jekk ikun necessarju, taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni sabiex is-socjeta` MG Linea Moda Ltd, Numru tar-registrazzjoni C57258, u l-persuni kollha interessati jitqieghdu fl-istess posizzjoni kemm jista' jkun vicin dik li kieku l-isem tal-istess socjeta` ma jkunx thassar minn fuq ir-registru.*

U dan wara li ppremetta:

*Illi presentement huwa hu r-rikorrenti f'rikors fil-konfront tas-socjeta MG Linea Moda Ltd Numru tar-registrazzjoni C57258;*

*Illi, skond r-rikorrenti, l-istess socjeta MG Linea Moda Ltd Numru tar-registrazzjoni C57258 hija debitrici fil-konfront tieghu ghad-drittijiet dovuti minna fir-rigward ta' accountancy u audit fees;*

*Illi r-rikors li permess tieghu l-esponenti qed jirreklama l-ammont hekk dovut mis-socjeta, MG Linea Moda Ltd Numru tar-registrazzjoni C57258, jgib n-numru 282/2016 u presentement jinsab f'stadju tal-appell;*

*Illi dan r-rikors, li kif ga ntqal, jinsab presentement jinsab fi stadju tal-appell quddiem l-Mhallef Lawrence Mintoff, jinsab differit ghall-informazzjoni ulterjuri ghat-23 ta' Frar 2022, sabiex jigi ntavolat dan r-rikors sabiex l-istess socjeta MG Linea Moda Ltd C57258, terga tiddahhal fir-Registru tas-socjetajiet b'dana illi l-istess socjeta titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqs li kieku isimha ma kienx thassar minn fuq ir-registru u dunque tkun tista tigi nnotifikata regolarment bl-istess appell;*

*Illi r-Registratur ntimat ddecieda li l-istess socjeta, MG Linea Moda Ltd li jgib n-Numru tar-registrazzjoni C57258 ghandha tigi struck off u dan b'effett min 18 ta' Mejju 2021;*

*Illi, kif ga spejgat, l-esponenti huwa kreditur fil-konfront tas-socjeta, MG Linea Moda Ltd li jgib n-Numru tar-registrazzjoni C57258 u ghandu interess sabiex l-istess socjeta titpogga f'posizzjoni u titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqs li kieku qatt ma giet mnehhija min fuq r-registru;*

*Illi dan sabiex l-istess socjeta, MG Linea Moda Ltd, Numru tar-registrazzjoni C57258, tkun tista tigi legalment nnotifikata bir-rikors t'appell fuq msemmi, sabiex eventwalment l-istess appell jigi ttratat u deciz skond il-ligi;*

Rat **id-digriet** tagħha tal-4 ta' Marzu 2022, minn fejn jirriżulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tas-27 ta' April 2022 fl-10:00a.m., u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Reġistratur tal-Kumpanniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta.

Rat illi r-Reġistratur tal-Kumpanniji kien notifikat fil-25 ta' Marzu 2023 (ara tergo ta' fol 5).

Rat illi fil-11 ta' April 2022, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ppreżenta **r-risposta** tiegħu (fol 8) b'dokument hemm anness, li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi l-kumpanija MG Linea Moda Ltd (C 57258) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru"), fl-14 ta' Awwissu 2012;*

*Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat prospetti annwali u kontijiet annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-istess Att. Tant hu hekk illi l-aħħar prospett annwali mibgħut lir-Reġistratur kien dak tas-sena 2019 u l-kumpanija qatt ma ssottomettiet kontijiet annwali sa mid-data tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija;*

*Illi di piu' l-kumpanija naqset ukoll mill-obbligi tagħha mposti mill-Avviż Legali 247 tal-2020 u għaldaqstant baqgħet qatt ma daħħlet l-informazzjoni meħtieġa mar-Reġistratur tal-Kumpaniji dwar is-sidien benefiċċjarji;*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċediet sabiex tikteb lill-kumpanija u lid-diretturi tagħha sabiex tavża illi l-isem tal-kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*

*Illi r-Reġistratur bagħtet l-ewwel avviz permezz ta' ittra lill-kumpanija (annessi u mmarkati bħala Dok.* ***'A'****, l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur) fuq l-indirizz reġistrat tagħha li huwa Central Plaza, Naxxar Road, Birkirkara BKR 9049, kif ukoll liż-żewġ diretturi tagħha Mary Tabone fl-indirizz Ormajo, Triq Cadeo, Marsaxlokk MXK 1111 u Giovanni Briffa fl-indirizz 10, Triq San Mark, Valletta, datati 11 ta' Jannar 2021;*

*Illi f'din l-ittra il-kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha skont ir-Regolament 9 tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations, f'każ li ma tweġibx l-ewwel ittra fi żmien xahar, u l-avviż fi zmien tliet xhur, ir-Reġistratur kienet se tkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija;*

*Illi fit-18 ta' Frar 2021, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi ta' min jiġi rrimarkat kif ir-rikorrent qatt ma oġġezzjona għal tali proċess matul il-perjodu ta' tliet xhur provdut mir-Reġistratur għal-ġid ta' kull min seta qatt kellu interess jagħmel dan;*

*Illi fil-frattemp ir-Reġistratur baqgħat qatt ma rċeviet l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti mingħand il-kumpanija u għaldaqstant fit-18 ta' Mejju 2021, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponenti ħarġet avviż fuq website miżmuma minnha fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi r-rikors qiegħed isir fiż-żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir u għalhekk għadu fiż-żmien stipulat mil-liġi;*

*Illi l-kumpanija ma tistax tiġi riattivata skont l-artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji kif speċifikat fir-rikors odjern imma skont ir-Regolament 9(4) tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations għaliex taħt dan ir-regolament ġie mħassar l-isem ta' din il-kumpanija; Illi ta' min isemmi wkoll illi s-sub-regolament 6 tal-istess artikolu jipprovdi illi, minkejja illi l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru, ir-responsabbilita' tal-kumpanija u kull uffiċjal u membru tagħha għandha tkompli u tista' tiġi nfurzata daqslikieku l-isem tal-kumpanija ma kien qatt tħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi r-Reġistratur tapprezza illi meta f'każ bħal dan, ikun kreditur illi jkun qiegħed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti illi l-isem jerġa' jitpoġġa lura fuq ir-Reġistru, din l-Onorabbli Qorti m' għandha l-ebda kontroll fuq l-aġir tal-kumpanija. Dan għaliex l-isem tal-kumpanija jkun qiegħed jerġa' jitpoġġa fuq ir-Reġistru sempliċiment għall-benefiċċju tal-kreditur. Ir-Reġistratur tixtieq umilment tissolleva, illi f'ħafna każijiet bħal dan tal- lum, il-kreditur jagħzel li jagħmel rikors il-Qorti sabiex jerġa' jitqiegħed lura fuq ir-Reġistru l-isem tal-kumpanija anke jekk ikun jaf li l-kumpanija ma jkollha ebda assi;*

*Illi filwaqt illi r-Reġistratur tixtieq illi jekk il-kumpanija terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru, tali kumpanija għandha tissottometti d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa (inkluż il-prospetti annwali, l-kontijiet annwali kif ukoll l-informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarji) u dan sabiex jiġi salvagwardjat l-interessi tat-terzi persuni. Ir-Reġistratur qiegħda umilment tissolleva illi qiegħda tħalli f'idejn din l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jiġu magħrufin il-passi illi għandhom jittieħdu min-naħa tagħha sabiex il-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni tiġi rattifikata;*

*Illi r-Reġistratur hija kreditriċi ta' din il-kumpanija hija stess u għaldaqstant hija għandha tiġi mħallsa l-penali dovuti fuq nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' prospetti annwali, kontijiet annwali u informazzjoi dwar is-sidien benefiċċjarji li jammontaw għal eluf ta' ewro, filwaqt illi l-pagament dovut fuq reġistrazzjoni ta' prospetti annwali li baqgħu pendenti jammontaw għal* ***EUR 200****;*

*Illi għaldaqstant l-esponenti qiegħda umilment tissolleva li hija lesta li toqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi partikulari*

*ta' dan il-każ, filwaqt illi r-Reġistratur ma tispiċċax b'kumpaniji li m'humiex in regola mal-Att fuq ir-Reġistru għal żmien indefinit;*

Rat ir-Rikors tal-intimat Reġistratur intavolat fil-11 ta' April 2022 (fol 27) li permezz tiegħu talab il-kjamat in kawża tal-uffiċjali u l-azzjonisti tal-kumpanija *de quo*.

Rat in-nota tar-rikorrent intavolata fil-25 ta' April 2022 (fol 30) li permezz tagħha ppreżenta affidavit tiegħu stess b'dokumenti annessi (fol 31 sa fol 61).

Rat illi fl-udjenza tas-27 ta' April 2022, deher l-Avukat Joseph Bonello għar-rikorrent u dehret l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur intimat.

Rat ukoll illi fl-udjenza tas-27 ta' April 2022, wara li rat id-dikjarazzjoni tar-rikorrent li qed jirrimetti ruħu għar-rikors tal-intimat reġistratur tal-11 ta' April 2022, laqgħet it-talba hemm kontenuta u ordnat il-kjamat in kawża ta' Giovanni Briffa u Mary Tabone.

Rat ir-Risposta tal-kjamati in kawża **Giovanni Briffa u Mary Tabone** intavolata fid-9 ta' Novembru 2022, li permezz tagħha eċċepew:

1. *Illi preliminarjament Silvio Busuttil m'ghandux l-interess guridiku sabiex jistitwixxi dawn il-proceduri billi skond is-sentenza deciza mill-Magistrat Rachel Montebello fis-27 ta' Settembru 2021 l-istess Silvio Busuttil m'ghadux kreditur tal-kumpanija u ghalhekk ma jistax jippretendi li huwa ghad fadallu xi locus standi biex jkun jista' jistitwixxi dawn il-proceduri.*

2. *Il-fatt illi l-kumpanijja kienet ser titnehha fuq ir-registru kien gie pubblikat qabel din id-data u l-istess Silvio Busuttil ma ha l-ebda azzjoni biex dan ma jsehhx. Ghalhekk ma jistax issa li b'effett tal-precitata sentenza m'ghandux kreditur, jippretendi li jista' jistitwixxi dawn il-proceduri. Inoltre, jekk verament Silvio Busuttil kellu interess li l-isem ta' din il-kumpanijja jibqa' fuq ir-Registru kellu jiehu hsieb li dan ma jitnehhiex.*

3. *Illum il-gurnata l-istess Silvio Busuttil ma jistax jibqa' meqjus bhala persuna li huwa aggravata mid-decizjoni tar-Registratur semplicement ghax deherlu li kellu jirregistra appell kontra din il-kumpanijja wara li l-isem taghha kien diga' tnehha minn fuq ir-Registru tal-Kumpaniji. Apparti minn hekk, u f'kull kaz, anke jekk ghall-grazzja tal-argument biss wiehed kellu jqis illi Silvio Busuttil kien ghad kellu xi interess guridiku biex jippromwovi din l-azzjoni, f'kull kaz dan illum spicca ghaliex l-appell imsemmi kien gie intavolat minnu fil-25 t'Ottubru 2021 u l-proceduri bil-miktub f'dak l-appell ma gewx maghluqa fi zmien perentorju ta' sena ai termini tal-Art 963 tal-Kap 12. Ghaldaqstant, anke fl-eventwalita' li din l-Onorabbli Qorti kellha ssib li hemm ragunijiet bizzejjed biex taghti dawk l-ordnijiet ai termini tal-Art 325 tal-Kap 386 minhabba dak l-appell, ir-realta' hi li dak l-istess appell illum huwa dezert. Ghalhekk lanqas ma hemm ebda raguni ghaliex it-talbiet ta' Silvio Busuttil ghandhom jigu milqugha.*

4. *Illi f'kull kaz, u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kumpanijja MG Linea Moda Limited kienet waqfet tezercita l-kummerc u ilha ma topera ghal numru ta' snin.*

5. *Illi inoltre, kien l-agir ta' Silvio Busuttil stess illi l-ewwel hareg kontijiet inspjegabbli lill-kumpanijja MG Linea Moda Limited ghal servizzi li lanqas biss kien irrenda, u imbaghad meta inqala disgwid mal-esponenti fil-karigi rispettivi taghhom f'din il-kumpanijja rrifjuta b'kull mezz li jaghti r-rilaxx tieghu biex din is-socjeta tkun tista' tingaggja awditur iehor. Lanqas wara li saret talba lill-Accountancy Board ma kien inhareg dan ir-rilaxx. Ghalhekk is-socjeta' MG Linea Moda Limited sabet ruhha fl-impossibilita' li taderixxi ruhha mar-rekwiziti tal-Att dwar il-Kumpaniji kawza tal-agir illegali u abbusiv ta' Silvio Busuttil stess.*

6. *Illi illum m'hemm l-ebda raguni fil-Ligi ghaliex l-isem ta' din is-socjeta' ghandu jerga' jitpogga fuq ir-Registru tal-Kumpaniji.*

7. *Illi ghaldaqstant, u minghajr pregudizzju ghall-premess, fl-eventwalita' li din l-Onorabbli Qorti kellu jirrizultalHa li huma sodisfatti l-estremi dettati mil-Ligi sabiex l-isem ta' din il-kumpanija jerga' jitqieghed fuq ir-registru, dan ghandu jsir a spejjez ta' Silvio Busuttil li ghandu wkoll jigi addossat b'kull responsabbilita' ghall-hlas ta' multi u arretrati dovuti lir-Registru ladarba din it-talba qed ssir minnu u hija kkuntestata mill-esponenti u tali multi u arretrati kienu dovuti kawza tal-agir ta' Silvio Busuttil stess.*

*Salv eccezzjonijiet ohrajn permissibbli skond il-Ligi.*

Rat illi fl-udjenza tas-6 ta' Marzu 2023, id-difensuri tar-rikorrent u tal-intimat iddikjaraw li ma kellhomx aktar provi x'jipproduċu.

Rat in-nota ta' Giovanni Briffa intavolata fl-14 ta' April 2023 (fol 77) li permezz tagħha ppreżenta affidavit tiegħu stess (fol 78 sa fol 81).

Rat illi fl-udjenza tas-7 ta' Lulju 2023, id-difensur tal-kjamati in kawża ddikjara li ma kellux aktar provi x'jipproduċi.

Rat illi fl-udjenza tat-23 ta' Frar 2024, xehed Silvio Busuttil in kontro-eżami. Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensuri tal-partijiet kollha li ma kellhomx aktar provi x'jipproduċu.

Rat ukoll illi fl-udjenza tat-23 ta' Frar 2024, bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għal-lum għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrent *ai termini* tal-Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, u li permezz tagħha, ir-rikorrent jgħid illi b'effett mit-18 ta' Mejju 2021, l-isem tas-soċjetà MG Linea Moda Ltd (C 57258) kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji.

Illi jirriżulta illi r-rikorrent huwa kreditur tas-soċjetà msemmija MG Linea Moda Ltd (C 57258), liema kreditu huwa l-mertu tar-rikors li jġib in-numru 282/2016RM li preżentament jinsab fi stadju ta' appell. Jgħid li għalhekk

it-tħassir tal-kumpanija tippreġudikah serjament milli jiġbor il-flus lilu dovuti mis-soċjetà *de quo.*

Huwa allura għalhekk illi r-rikorrent ressaq dawn il-proċeduri sabiex is-soċjetà MG Linea Moda Ltd (C 57258) terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru bil-għan illi r-rikorrent jieħu l-miżuri kollha lilu spettanti biex jissodisfa l-kreditu tiegħu u jkompli bl-azzjoni ġudizzjarja ġja minnu mibdija.

Fl-affidavit tiegħu **Silvio Busuttil** jgħid li hu ntavola rikors quddiem il-Qorti tal-Maġistrati sabiex jitħallas mis-soċjetà MG Linea Moda Ltd (C 57258) u eventwalment fis-27 ta' Settembru 2021 ingħatat sentenza li minnha hu appella permezz ta' rikors ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Inferjuri).

Jispjega li meta ġie biex jinnotifika lis-soċjetà *de quo* bl-appell irrealizza li din kienet ġiet *struck off as defunct* mir-Reġistratur intimat u għalhekk kellu jintavola l-proċeduri odjerni sabiex l-istess soċjetà terġa' tidħol fir-reġistru.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi l-**intimat Reġistratur** isostni illi kellu kull raġuni valida fil-liġi biex jikkanċella l-kumpannija u għaddha mill-proċeduri kollha li trid il-liġi sabiex sar dan. Filwaqt illi finalment jħalli f'idejn il-Qorti sabiex tiddeċiedi hi skont il-provi li jitressqu, b'dana kollu r-Reġistratur intimat jirrimarka illi jekk kemm-il darba l-isem tal-kumpanija jidħol lura fir-reġistru, ir-Reġistratur m'għandux jispiċċa b'kumpaniji li m'humiex in regola mal-Att fuq ir-Reġistru għal żmien indefinit.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-**kjamati fil-kawża** jgħidu li preliminarjament ir-rikorrent m'għandux *locus standi* f'dawn il-proċeduri stante li m'għadux kreditur tas-soċjeta' *de quo.* Barra minn hekk, isostnu li meta saru l-pubblikazzjonijiet meħtieġa l-istess rikorrent ma ħa l-ebda azzjoni sabiex l-isem tal-kumpanija ma jitneħħiex min fuq ir-Reġistru.

Isostnu li r-rikorrenti ma jistax jitqies bħala persuna aggravata mid-deċiżjoni tar-Reġistratur stante li ntavola appell minn deċiżjoni meta isem il-kumpanija kien diġà mħassar mir-Reġistru. Oltre minn hekk, jgħidu li

anke kieku kellu interess ġuridiku dan illum spiċċa stante li għaddiet iktar minn sena minn meta ġie intavolat l-istess appell u l-proċeduri bil-miktub għadhom mhux magħluqa u b'hekk l-appell huwa wieħed deżert.

Isostnu li l-kumpanija *de quo* ilha ma topera għal numru ta' snin. Jikkontendu li r-rikorrent l-ewwel ħareġ kontijiet inspjegabbli kontra l-kumpanija għal servizzi li lanqas biss rrenda u meta mbagħad qam disgwid mal-azzjonisti rrifjuta li jagħti r-rilaxx tiegħu sabiex jiġi ngaġġat awditur ieħor u għalhekk il-kumpanija sabet ruħha f'sitwazzjoni fejn ma setgħetx taderixxi ruħha mal-obbligi *ai termini* tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

Jikkontendu li llum m'hemm ebda raġuni għaliex isem il-kumpanija għandu jerġa' jitpoġġa lura fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji u għalhekk isostnu li l-Qorti għandha tiċħad it-talba tar-rikorrent.

Fl-affidavit tiegħu **Giovanni Briffa** jgħid li hu ex-direttur u azzjonista ta' MG Linea Moda Limited.

Jispjega li fl-2012 hu u Mary Tabone ddeċidew li jintroduċu MG Linea Moda li kienet tispeċjalizza fl-ilbiesi tat-tieġ għall-għarusa. Jgħid li kienu tkellmu mar-rikorrent u l-idea inizjali ta' Mary Tabone kienet li din il-linja ta' ħwejjeġ kellha tkun parti mill-kumpanija eżistenti tal-purtieri. Jispjega li r-rikorrent ma qabilx ma' dan u tahom il-parir li jagħmlu kumpanija differenti li tkun awtonoma u huma ħallew f'idejh biex imexxihom.

Jispjega li tkellmu bejniethom u qablu li jiftħu kumpanija u tramite l-Bank APS ottjenew *overdraft* ta' sebgħin elf Ewro (€70,000) u bħala garanzija kien ipoteka uffiċju li kellu l-Belt Valletta.

Jgħid li fil-ħanut eżistenti tal-purtieri f'Birkirkara, is-sid kien krielhom sezzjoni għall-ħwejjeġ tal-għarusa. Jispjega li fis-sular ta' isfel kien hemm ħanut li jispeċjalizza fi ħwejjeġ tal-okkażjoni u għalhekk kienu jikkumplimentaw lil xulxin.

Jispjega li kienu marru l-Italja u għamlu kuntratt u ġabu d-ditta esklussiva għas-suq Maltin u bdew imorru tajjeb u kollox kien sew kemm mar-rikorrent u kemm mad-dipartiment tat-Taxxa u l-VAT.

Jgħid li sid il-ħanut ta' isfel ried ibigħ kollox lilhom għax ra li kienu qed imorru tajjeb u meta huma tkellmu mar-rikorrent, kien inkorraġġihom

jagħmlu dan. Għalhekk jispjega li ftehmu ma' tal-ħanut u għalkemm l-kera kienet ftit għolja, ir-rikorrent kien tal-fehma li jekk jirsistu xorta jmorru tajjeb.

Jispjega li ħadu l-ħanut f'Jannar 2013 u l-affarijiet bdew sejrin ħażin stante l-elezzjoni imbagħad il-proġett fi Triq in-Naxxar u bdew diskussjonijiet ma' sid il-ħanut minħabba li l-kera kienet għolja wisq. Jgħid li kif ġara dan, ir-rikorrent beda jibgħatilhom diversi kontijiet li kienu apparti dak li kienu diġà ħallsu. Jgħid li ma' sid il-ħanut f'Birkirkara kienu rranġaw u rritornaw iċ-ċwievet f'Mejju 2014 u minn hemm marru f'ħanut f'Ħal Luqa.

Jispjega li kien tkellem mar-rikorrent sabiex jikkjarifika x'kienu l-kontijiet pendenti u kellhom diżgwid. Jgħid li baqgħu ma qablux fuq kemm kellu jitħallas ir-rikorrent u waqaf jaħdem għalihom.

Jgħid li minn hemm qabbdu żewġ *accountants* sussegwenti li għamlu saħansitra xogħol li r-rikorrent qatt ma kien għamel. Jispjega li fl-2018 kienu fetħu negozju f'Għawdex iżda dan ma rnexxiex u wara ddeċidew li jagħlqu l-operat f'Awwissu tas-sena 2019.

Jispjega li f'Mejju 2021, ġew infurmati li l-kumpanija MG Linea Moda ġiet mħassra mir-Reġistru. Jispjega li minħabba l-fatt li l-kumpanija ma baqgħetx attiva, huma bħala diretturi m'għandhom l-ebda intenzjoni jattivawha stante wkoll li l-kumpanija m'għandha l-ebda assi. Jgħid li l-pendenzi kollha huma sforz il-fatt li r-rikorrent qatt ma ried jiffirma rilaxx sabiex huma jkomplu jaħdmu b'ħaddieħor. Jgħid li dan l-atteġjament ir-rikorrent għamlu wkoll ma' soċjetajiet oħra li m'għandhom ebda konnessjoni magħhom.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta:**

> *Jekk membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir*

> *provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bżonn biex kumpanija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji terġa' ssib postha fuqu *ai termini* tas-Sub-Artiklu appena ċitat.

M'hemmx dubju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta il-kumpannija MG Linea Moda Ltd (C 57258) ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Mill-atti jidher ċar illi r-rikorrent għandu pretensjoni ta' kreditu fil-konfront tal-kumpanija mneħħija minn fuq ir-Reġistru MG Linea Moda Ltd (C 57258) u tinnota wkoll li l-istess rikorrent qed jagħmel l-almu tiegħu sabiex jirkupra l-istess kreditu.

Il-kjamati in kawża min-naħa tagħhom isostnu li r-rikorrent m'għandux l-interess ġuridiku sabiex jintavola l-proċeduri odjerni. Il-Qorti ma taqbilx ma dan stante li l-Artikolu 325(4) ma jitlobx li persuna tipprova xi interess ġuridiku partikolari iżda biss li turi li tħossha aggravata bid-deċiżjoni tar-Reġistratur. Ma hemmx dubju f'moħħ din il-Qorti li l-aggravju tar-rikorrent ġie ppruvat fl-interess li għandu r-rikorrent li l-proċeduri li għandu fil-konfront tas-soċjetà *de quo* jiġu definittivament konklużi.

Oltre minn hekk, il-Qorti tinnota wkoll li t-tħassir tal-kumpanija *de quo* mir-Reġistru sar qabel ma ngħatat id-deċiżjoni mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u minkejja li l-kjamati in kawża kienu jafu li dan ser jiġri m'għamlu xejn sabiex jassiguraw li l-kumpanija tibqa' teżisti almenu sakemm ġew konklużi l-istess proċeduri. Kien ikun fl-interess ta' kulħadd li l-kwistjoni ta' bejniethom tiġi deċiża definittivament għax b'hekk il-kjamati in kawża kien ikollhom l-opportunità li jirregolarizzaw ukoll is-sitwazzjoni tal-kumpanija – iżda jidher ċar li ppreferew jaħarbu mir-responsabilitajiet tagħhom u jħallu l-kumpanija tiġi mneħħija mir-Reġistru.

Illi filwaqt illi l-intimat Reġistratur għandu raġun josserva illi jekk kemm-il darba l-kumpanija terġa' titpoġġa fuq ir-reġistru xorta ser jissussistu l-fatturi li wasslu sabiex ir-Reġistratur neħħa l-kumpanija minn fuq ir-Reġistru – b'dana kollu kull każ storja u fil-każ odjern, ir-rikorrenti indika b'mod ċar li għad għandu pretensjoni ta' kreditu fil-konfront tal-istess kumpanija.

Aktar minn hekk, f'dawn il-proċeduri hemm kjamati in kawża l-uffiċjali tal-kumpanija *de quo* u l-Qorti ser tagħti l-provvedimenti opportuni.

Huwa għalhekk illi din il-Qorti, fid-deċiżjoni tagħha qed tieħu nota tal-fatt illi r-Reġistratur intimat kellu kull raġun illi jikkanċella isem il-kumpannija MG Linea Moda Ltd (C 57258) minn fuq ir-Reġistru, però fl-istess waqt ir-rikorrent għandu interess u jinsab sodisfatt b'dak li trid il-liġi biex huwa jitlob b'suċċess ir-rientegrazzjoni tal-kumpannija msemmija lura fuq ir-Registru.

Il-Qorti sejra għalhekk tilqa' t-talba mressqa mir-rikorrent, però una volta illi ser jingħata din l-opportunità li l-kumpanija MG Linea Moda Ltd (C 57258) terġa' titpoġġa fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji, dan ma jfissirx illi din il-Qorti terġa' tagħti jew marbuta terġa' tagħti opportunità oħra jekk ir-rikorrent jfalli mid-dmirijiet u l-obbligi tiegħu biex jeżerċita d-drittijiet tiegħu fil-konfront ta' din il-kumpanija.

Ir-rikorrent għandu jkun ben konxji ta' dan u b'hekk din il-Qorti tkun f'pożizzjoni aktar komda u serena biex teżerċita d-diskrezzjoni tagħha favur it-tqegħid lura ta' isem is-soċjetà MG Linea Moda Ltd (C 57258) lura fuq ir-Reġistru.

## Ikkunsidrat Ulterjorment:

Illi sewwa qal ir-Reġistratur intimat, ċjoè illi l-kumpanija ma tistax tiġi riattivata skont l-artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji kif speċifikat fir-rikors odjern, imma *se mai* skont ir-Regolament 9(4) tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations.

Il-Qorti fliet dan is-subinciz, u in kwantu illi għandu preċiżament l-istess effetti tal-Artikolu 325 tal-KAP 386, sejra tgħaddi biex allura tilqa' t-talbiet *ai termini* tar-Regolamenti msemmija, u dan, kif ġja qabel fi provvedimenti oħra magħdud, a skanz ta' proċeduri oħra u fl-interess tal-ispeditezza tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq ikkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi jkun ġust u ekwu illi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, <u>tordna</u> lir-Reġistratur tal-Kumpanniji sabiex, *ai termini* tal-Regolament 9(4) tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations, fi żmien ħmistax-il jum, jerġa' jdaħħal l-isem ta' **MG Linea Moda Ltd (C 57258)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** <u>tordna</u> lir-Reġistratur tal-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpannija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpanniji.

3. **Fit-tielet lok**, <u>tordna</u>, illi l-isem ta' **MG Linea Moda Ltd (C 57258)** jitpoġġa lura fuq tali Reġistru tal-Kumpanniji għall-perjodu massimu ta' ħames (5) snin, b'dan illi r-rikorrenti huwa obbligat illi jsegwi u jiffinalizza kwalunkwe proċeduri neċessarji sabiex jiġu konklużi b'mod definittiv l-proċeduri 282/2016 fl-istadju tal-Appell u jekk ikun il-każ jikkonkludi l-eżekuzzjoni tal-istess sentenza, fiż-żmien hawnhekk konċess.

4. **Fir-raba' lok**, tordna lill-uffiċjal tal-kumpanija **MG Linea Moda Ltd (C 57258)** hawnhekk kjamati in kawza, fl-isem ta' Giovanni Briffa u Mary Tabone, sabiex jirregolarizzaw l-pożizzjoni tal-kumpanija tagħhom sa żmien sitt xhur mid-data ta' dan il-provvediment, u fin-nuqqas,

senjatament għal finijiet ta' penalitajiet li huma dovuti u ħlasijiet oħra pendenti minnhom u mill-kumpanija msemmija flimkien u *in solidum* bejniethom **sal-lum** dovuti lir-Reġistratur intimat, dan il-provvediment għandu jitqies bħala titolu eżekuttiv għar-Reġistratur intimat sabiex jipproċedi biex jenforza d-drittijiet tiegħu skont il-liġi *ai termini* tal-Artikolu 253(a) tal-KAP 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. **Fil-ħames lok**, <u>tordna</u> illi l-ispejjeż ta' din il-proċedura u kif ukoll kwalsiasi spejjeż illi jista' jinkorri r-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpanija **MG Linea Moda Ltd (C 57258)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji u konsegwentement jerġa' jiġi kkanċellat l-istess isem kif hawn fuq deċiż, ikunu a karigu tal-kjamati in kawża.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**